

Brussell, 1 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0270(NLE)

11158/20
ADD 1

COEST 183
WTO 207

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 584 final - Annex
Suġġett:	ANNEX ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 584 final - Annex.

Mehmuż: COM(2020) 584 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2020
COM(2020) 584 final

ANNEX

ANNEX

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../... TAL-KUMITAT TA' SĦUBIJA UE-ARMENJA

ta'...

li temenda l-lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 339 tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' SĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 339(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kumitat ta' Sħubija, waqt il-laqgħa tas-17 ta' Ottubru 2019, stabbilixxa lista ta' 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri ("il-lista ta' arbitri").
- (2) F'konformità mal-Artikolu 339(2) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-individwi fuq il-lista jkunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet mingħand ebda organizzazzjoni jew gvern, jew ikunu affiljati mal-gvern ta' ebda waħda mill-Partijiet, u jenħtieġ li jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta.
- (3) L-Armenja infurmat lill-Unjoni li wieħed mill-arbitri li kienet ipproponiet ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 339(2) tal-Ftehim u, għaldaqstant, ipproponiet individwu ieħor li jeħodlu postu.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni tad-dispozzjonijiet applikati proviżorjament tal-Ftehim, jenħtieġ li l-lista ta' arbitri tiġi emendata mill-Kumitat ta' Sħubija.
- (5) L-Unjoni Ewropea taċċetta li l-individwu propost jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 339(2) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri, stabbilita skont l-Artikolu 339(1) tal-Ftehim, hija b'dan sostitwita bil-lista ta' arbitri stipulata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija mfassla f'żewġ kopji fil-lingwa Ingliża. Kull Parti tista' tipprovdi traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat ta' Sħubija

Il-President

Is-Segretarji

ANNEX

LISTA TA' ARBITRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 339 TAL-FTEHIM

Arbitri proposti mill-Unjoni Ewropea

1. Claus-Dieter EHLERMANN
2. Giorgio SAĊERDOTI
3. Jacques BOURGEOIS
4. Pieter Jan KUIJPER
5. Ramon TORRENT

Arbitri proposti mir-Repubblika tal-Armenja

1. Nora SARGSYAN
2. Arman SARGSYAN
3. Arsen TAVADYAN
4. Levon GEVORGYAN
5. Mushegh MANUKYAN

Presidenti

1. William DAVEY (l-Istati Uniti)
2. Helge SELAND (in-Norveġja)
3. Maryse ROBERT (il-Kanada)
4. Christian HÄBERLI (l-Iżvizzera)
5. Merit JANOW (l-Istati Uniti)